2025/1398

11.7.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2025/1398

tat-9 ta' Lulju 2025

dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1908 (EUTM Somalia/1/2025)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/96/PESK tal-15 ta' Frar 2010 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

Billi:

(1) Fil-15 ta' Frar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/96/PESK, li stabbiliet missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia).

(2) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2010/96/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) għandu jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-EUTM Somalia, u huwa awtorizzat mill-Kunsill biex jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti f'konformità mal-Artikolu 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, inkluż id-deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-EUTM Somalia (il-"Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE").

(3) Fl-4 ta' Lulju 2024, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1908 ([2]), li taħtar lill-Brigadier Ġeneral Giuseppe ZIZZARI bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE mill-11 ta' Lulju 2024.

(4) Fis-27 ta' Mejju 2025, l-awtoritajiet militari Taljani pproponew il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Marco MANZONE biex jieħu post il-Brigadier Ġeneral Giuseppe ZIZZARI bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE (il-"ħatra proposta").

(5) Fit-3 ta' Ġunju 2025, il-Kmandant tal-Missjoni tal-EU għall-EUTM Somalia appoġġa l-ħatra proposta.

(6) Fil-5 ta' Ġunju 2025, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa l-ħatra proposta u qabel li l-Brigadier Ġenerali Marco MANZONE jinħatar bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE.

(7) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Marco MANZONE bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE mit-18 ta' Lulju 2025.

(8) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/1908 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Brigadier Ġeneral Marco MANZONE huwa maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) mit-18 ta' Lulju 2025.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni (PESK) 2024/1908 hija b'dan imħassra.

([1]) ĠU L 44, 19.2.2010, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2010/96(1)/oj.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2024/1908 tal-4 ta' Lulju 2024 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE għall-missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2023/615 (EUTM Somalia/2/2024) (ĠU L, 2024/1908, 8.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1908/oj).

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Lulju 2025.

Magħmul fi Brussell, it-9 ta' Lulju 2025.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

D. PRONK